MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Numru. 60/2013

**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**VS**
**ANDREW BONELLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Andrew Bonello ta' 41 sena, bin Carmel u Carmen nee' Garzia, mwieled Attard fil- 31 ta' Dicembru 1971, residenti 7, Carmel House, Triq tal- Gallu, Fgura u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 61872M;

1) Talli fix- xahar ta' Ottubru 2012 minn Triq il-Karmnu, Fgura u/jew f' dawn il- gzejjer ikkommetta serq ta' statwa minn parapett ta' resdenza li ggib l- isem 140 Qapril u cilindru tal- gas u/jew oggetti ohra liema serq hu kkwalifikat bil- valur li mhux izjed minn €2,329.37 persuna, lok u hin ghad- detriment ta' Jason Charles Lombardo, Alfonsa Cachia mill- Fgura u/jew persuna/i ohra;

2) Aktar talli fl- istess cirkostanzi f’ dawn il- gzejjer xjentament xtara jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa mehda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’ kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti jikkonsistu fi statwa u cilindru tal- gas u/ jew oggetti ohra propjeta’ ta’ Jason Charles Lombardo, Alfonsa Cachia mill- Fgura u/ jew persuni ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi r-res furtive giet ritornata qabel ma ttiehdu dawn il-proceduri, u l-imputat kien skuza ruhu ghal dan l-incident, u ghalhekk ma kienx hem mil-htiega ghal piena li tirrestringi l-liberta’ tal-persuna;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikolu 261b, (d), (c), (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 269, 270 u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------